# IL-QNIEPEN TAL-PARROĊĊA TA' ĦAD-DINGLI

**Il-qniepen għadhom isejħu lill-komunità għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-knisja u jħabbru ġrajjiet ta' ferħ u niket fil-ħajja tal-parroċċa. F'Ħad-Dingli, il-parroċċa għandha sitt qniepen. Il-kampanoloġista KENNETH CAUCHI M.A., B. Cons. (Hons.) jikteb dwar l-istat tagħhom, interventi li saru dan l-aħħar biex jitħares dan il-wirt, u sfida li jonqos biex tiġi restawrata qanpiena ta' importanza storika li l-użu tagħha ntilef.**

Meta wieħed isemmi l-qniepen, l-ewwel ħaġa li tiġi f'moħħu probabbli tkun oġġett f'għamla ta' kikkra rasha 'l isfel, b'oġġett tawwali ġo fiha li tagħmel ħoss meta ċċaqlaqha. Sewwa kieku l-affarijiet kienu daqshekk semplici!! Kif jgħidu, kull sengħa fiha l-ispeċjalizzazzjoni tagħha. F'dan ir-rispett l-istudju dwar il-qniepen jaqa' taħt il-kappa tal-kampanoloġija fejn il-qniepen jiġu analizzati bir-reqqa minn kwalunkwe aspett.

"X'jagħmel qanpiena tajba?" Din hija waħda mid-domandi li spiss niġi mistoqsi u li għaliha nistqarr nibda nħokk rasi kif ser naqbad inwieġeb mingħajr ma ndur mal-lewża u nagħti tweġiba ċara li tinftiehem minn min ikun staqsieni.

It-tweġiba hija li qanpiena tajba hija waħda li hija addattata għall-użu li qed tintuża għalih, jiġifieri ddisinjata speċifikament għat-tip ta' daqq tagħha (tinqaleb jew fissa mat-travu). Barra minn Malta l-qniepen jitbandlu biex jindaqqu, filwaqt li hawnhekk aħna nbandlu l-ilsien biss. Għal dan il-għan qniepen li jitbandlu jinħadmu 'ħoxnin' (bl-Ingliż *very heavy profile*) filwaqt li qniepen li jitwaħħlu fissi m'għandhomx għalfejn ikunu ħoxnin ħafna imma biss ta' *medium profile*. Qniepen li jduru kważi rashom 'l isfel jinħadmu rqaq ħafna, jiġifieri *light profile*.



*Id-daqq tal-qniepen: karatteristika oħra fil-festi Maltin*

L-akbar differenza li nsibu f'dawn it-tlieta naturalment hija l-ispiża biex wieħed jagħmel dawn il-qniepen, speċjalment meta ma jkollux kampanoloġista kwalifikat li janalizza preċiżament xi qniepen għandu bżonn il-kappillan fil-kampnar u x'qiegħda tagħtih il-funderija. Ħafna drabi, il-kappillan u n-nies tal-lokal ma jkunux jifhmu u għalhekk jiġri li l-funderija tagħti l-aktar stima baxxa possibbli biex tirbaħ ix-xogħol hi. Fil-fatt, dan mhux fattur ħażin. Isir ħażin meta l-kwalità tad-daqq provdut minn dawn il-qniepen ikun kompromess minn dawn id-deċiżjonijiet ta' ekonomija falza. Qanpiena sservi għal mijiet ta' snin u għalhekk kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed meta ssir waħda ġdida tibqa' għal ħafna snin.

## • L-istorja tal-qniepen ta' Ħad-Dingli

Nistgħu ngħidu li din hija maqsuma f'żewġ taqsimiet kif ukoll f'żewġ kampnari differenti. Fil-kampnar tat-tramuntana (tal-arloġġ) jinstabu l-qniepen il-qodma filwaqt li fil-kampnar tan-nofsinhar insibu s-sett il-ġdid li sar fl-1990, matul il-parrokat ta' Dun Richard Borg, fis-sena li fiha ġie Malta l-Papa Ġwanni Pawlu II.


*Il-qanpiena l-kbira l-antika fil-kampnar tal-arloġġ*

Il-qniepen il-qodma fil-kampnar tat-tramuntana kienu sa ftit taż-żmien ilu jikkonsistu fi tliet qniepen. L-eqdem hija ż-żgħira li tmur lura għas-sena 1680 u hija waħda mill-eqdem qniepen li nsibu fi gżiritna. Ma nafux min għamel din il-qanpiena, imma li huwa żgur huwa li t-tip ta' font użat għall-iskrizzjoni tad-data hija kwazi dekorattiva li tgħid *Anno MDCLXXX*. Din hija karatteristika tal-epoka tardiva tas-seklu sbatax. Jista' jkun li din saret fil-funderija tal-Ordni ta' San Ġwann. Ma nistgħux inkunu ċerti minn dan għax f'dan il-perjodu kien sar daqsxejn ta' taqlib fil-funderija meta l-Mastru Fonditur Pietro Sances kien imġiegħel jirriżenja minn postu minħabba li x-xogħol ma laħaqx il-livelli mistenni mill-Ordni ta' San Ġwann.

Il-qanpiena l-kbira l-antika saret fis-sena 1880 mill-fonditur Malti Ġulju Cauchi u għandha fuqha ix-xbihat tal-Assunzjoni u San Filippu Neri kif ukoll skrizzjoni li tgħid "Mro (maestro) Giuliano Cauchi Malta Cospicua – 1880", sena li matulha Cauchi għamel fiha seba' qniepen, fosthom it-tnejn il-kbar tal-knisja ta' San Duminku fil-Birgu.

Dawn iż-żewġ qniepen li se jintużaw biex fuqhom jerġa' jindaqq l-arloġġ tal-knisja għadhom kemm ingħataw kisja protettiva ta' xemgħa li tgħin kontra l-effetti tal-elementi u tippreżentahom b'mod aktar dinjituż.

## • Qanpiena ta' importanza storika

Iktar 'il fuq semmejna li sa ftit żmien ilu fil-kampnar tat-tramuntana ta' Ħad-Dingli kienet teżisti qanpiena oħra li fuqha kienu jindaqqu t-tokki tas-sigħat tal-arloġġ. Din il-qanpiena verament storika u importanti tfondiet mill-Mastru Fonditur tal-Ordni ta' San Gwann, Aloisio Bouchut, imgħallem tal-bronz b'karriera ambizzjuża u brillanti u li għex fi żmien il-Gran Mastru Emmanuele Pinto de Fonseca. Bouchut huwa magħruf li għamel iktar minn erbgħin qanpiena matul il-karriera tiegħu. Beda fl-ewwel kwart tas-seklu tmintax u baqa' għaddej sa mewtu li seħħet wara l-1763. Aloisio


*Qanpiena fonduta fl-1762 li tinsab fiċ-ċimiterju ta' Ħad-Dingli*

Bouchut huwa magħruf ukoll għax għamel iż-żewġ qniepen il-kbar tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann kif ukoll dawk il-qodma tal-Katidral t'Għawdex. Fl-1761, Bouchut fonda l-aħħar qanpiena kbira tiegħu li kienet il-qanpiena l-kbira tal-knisja arċipretali ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ u li għadha teżisti. Warajha għamel ta' Ħad-Dingli li fondiha fis-sena 1762. Fuqha għamel midaljun bil-figura ta' Marija Annunzjata, riljev dekorattiv li għoġbu juża' wkoll fuq qniepen oħra f'Ħal Tarxien u fl-Għarb, Għawdex. [1]



*Dettall tar-riljev ta' Marija Annunzjata li juri wkoll il-ħsara fuq il-qanpiena*

Din il-qanpiena llum tista' tgħid li ntilfet kompletament għax inqasmet u għalkemm sar intervent serju fuqha biex tiġi salvata kienu għalxejn l-isforzi li saru. Wara studju ntensiv li sar fuq tiswija tal-qniepen bil-*welding*, ġie propost li kemm-il darba jinstabu l-fondi, din il-qanpiena tant importanti w storika tiġi restawrata b'mod professjonali u miċ-ċimiterju terġa' tittella' lura fil-kampnar fejn kienet.

Restawr ta' dan it-tip ma jistax isir Malta minħabba li huwa speċjalizzat. Fl-intervent irid ikun maqtugħ barra l-materjal maqsum u floku jsir *welding* b'vireg apposta bl-istess materjal li minnha hija magħmulha l-qanpiena. Waqt il-proċess ta' restawr, il-qanpiena tissaħħan u titberred b'apparat apposta li jikkontrolla t-temperatura. Dan il-proċess biss jiggarantixxi li l-qanpiena tista' qatt terġa' titreġġa' lura għall-istat originali tagħha.

Biex nieħdu eżempju, id-ditta speċjalizzata *Soundweld* ta' Cambridge fl-Ingilterra diġà għamlet żewġ proġetti kbar u simili għal Malta li t-tnejn kienu suċċess. Waħda kienet qanpiena kbira ta' żewġ tunellati tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann u l-oħra tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali tal-Belt. [2]

### • Il-qniepen 'il-ġodda'

Il-kampnar tan-nofsinhar jerfa' fih tliet qniepen li għadna nsejħulhom 'il-ġodda' imma li fil-fatt għandhom 22 sena diġà!!. Tfondew fil-funderija Achille Mazzola ta' Valduggia, fil-provincja ta' Vercelli, fl-Italja ta' fuq. F'din il-parti tal-Italja, il-qniepen jindaqqu billi jinqalbu rashom 'l isfel kompletament – tip ta' daqq li jissejjaħ *a castello* u li allura jitlob li l-qniepen ikunu rqaq u b'ilsna pjuttost ħfief biex il-qanpiena ma tifgax meta ddur rasha 'l isfel.



*Tnejn mill-qniepen fonduti fl-1990; il-kbira u l-fustanija*

Id-daqq Malti jitlob mod ieħor speċjalment meta wieħed jikkunsidra l-apert li fih jinsab Ħad-Dingli u li naturalment dawn il-kwalitajiet imsemmija hawn fuq ma jippermettux li l-potenzjal li għandhom dawn il-qniepen jitgawdew sewwa. Fuq inizjattiva tal-Kappillan preżenti Dun Ewkarist Zammit

ġie propost li jiġi restawrat l-arloġġ u l-qniepen tiegħu. Kien propost li jsir intervent ukoll fuq il-qniepen ta' Mazzola biex it-tonalità tagħhom titgawda aħjar. Għaldaqstant kien propost li jsir sett ta' tliet ilsna ġodda biex il-palat akustiku, jew kif teknikament magħruf, il-*harmonic content* tal-qniepen jiġi ppronunzjat aħjar. Il-piż tal-ilsna ġie determinat fuq il-bażi tal-piż tal-qniepen infushom. Dan l-intervent biddel il-karattru tal-leħen tal-qniepen (it-timbru mużikali) għal wieħed ferm aktar pjaċevoli u li jwassal fil-bogħod.

Ir-restawr tal-qniepen ta' Mazzola hija biss l-ewwel fażi tal-proġett. Jekk jinstabu l-fondi neċessarji isir il-progett tar-restawr tal-qanpiena storika li tinstab fiċ-ċimiterju. Dan ir-restawr ċertament li jagħti dimensjoni ġdida lill-qniepen ta' Ħad-Dingli u jsalva patrimonju nazzjonali milli jintilef fix-xejn.

**Referenza**
[1] Cassar Robert – The Bells of Malta, unpublished thesis, University of Malta Vol.1.
[2] Cauchi Kenneth – A Study of the Post 18th Century interventions on a number of Bells in the Maltese Islands, unpublished thesis University of Malta.

# L-Ikla tal-Festa

**Is-Sibt 11 ta' Awwissu, 2012**
**fit-8.30pm**
**F'Misraħ Ġużè Abela, Ħad-Dingli**
(il-pjazza ħdejn il-knisja)
**Ikel, Xorb, Tombla,**
**Divertiment Mużikali**

Biljetti għall-bejgħ mis-sagristija, il-membri tal-*fund-raising* u tal-Kumitat Festa Esterna sal-Ġimgħa 10 ta' Awwissu.



*CHET BROS LTD*
- *Għal kull xogħol b'inġenji*
- *Twaqqigħ u bini*
- *Bini tas-sejjieħ*
- *Kiri ta' dumpers (kbar u żgħar)*



Mob: 7972 8315